# B’Idejna

Adrian Grima

**Ann Marie Schembri - Claire Zerafa**
**St Joseph, Tas-Sliema**

Waqt l-innu nazzjonali
Ma nkunx naf x’se naqbad nagħmel b’idejja.
Huma jaħasra jistennew mumenti bħal dawn bil-ħerqa,
Għax niftakar fihom kif inhuma,
Mhux bħala strumenti f’idejja.



L-innu tagħna, niskopri kull darba,
jindaqq biex ifakkarni li jien dak li jien,
li nilbes dil-ġilda lewn ix-xemx
u dan il-moħħ lewn ix-xagħri.


Meta nħares lejn l-oħrajn
nintebaħ x'għandi nagħmel
u ġieli nitfa' jdejja wara dahri

Inħossni qisni spalliera
li waħedha baqgħet tistenna li titgħatta;
fidil f'salib it-toroq jitħabat ma' stering ta' karozza
li ma tridx tistartja;
poplu qed jistenna wara l-bieb ta' uffiċjal pubbliku
biex isir nazzjoni, mingħajr ma jemmen fil-kredenzjali tiegħu stess,
jew l-utilità.


Darb’oħra forsi npoġġihom quddiem għajnejja
U nsodd widnejja, f’salt.